*Biex appell wieħed isir minn sentenzi separati fuq kwistjonijiet diversi,, l-istess sentenzi jkunu jridu jiġu deċiżi fl-istess kawża – mhuwiex possibbli però li jsir appell wieħed minn sentenzi deċiżi f'żewġ proċessi separati*

MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tal-14 ta' April, 2021

Appell Inferjuri Numru 25/2020 LM

**Sandra Stellini (K.I. 90078M)**
*("l-appellanta")*

***vs.***

**Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali**
*("l-appellat")*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrenti **Sandra Stellini (K.I. 90078M)**, hawnhekk "l-appellanta", minn żewġ deċiżjonijiet separati mogħtija mill-Arbitru tas-Sigurtà Soċjali (minn issa 'l quddiem "l-Arbitru"), fis-16 ta' Settembru, 2020 (minn issa 'l quddiem "id-deċiżjonijiet appellati"), li permezz

tagħhom l-Arbitru laqa' l-appelli tar-rikorrenti b'mod limitat, b'tali mod li ddeċieda li r-rikorrenti għandha tirrifondi lura lill-intimat **Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali** (minn issa "l-appellat") il-ħlas żejjed li sar lilha fil-perijodu bejn it-3 ta' Jannar, 2015 u t-28 ta' Diċembru, 2015, kemm f'dak li jirrigwardja għajnuna soċjali, kif ukoll f'dak li jirrigwardja *allowance* tat-tfal.

## Fatti

2. Ir-rikorrenti ressqet żewġ appelli quddiem l-Arbitru, wara li permezz ta' ittra bid-data tal-21 ta' Mejju, 2018, hija ġiet infurmata mill-intimat li kienet tħallset żejjed l-ammont ta' €17,140.20 f'għajnuna soċjali għall-perijodu bejn it-3 ta' Jannar, 2015 u t-22 ta' Diċembru, 2017, wara li lill-appellat irriżultalu li r-rikorrenti ma kinitx qiegħda tifforma familja għal rasha. Ir-rikorrenti ġiet infurmata wkoll li dan l-ammont żejjed li tħallas lilha kien ser jitnaqqas bir-rata ta' 30% mill-benefiċċji l-oħra li hija kienet qiegħda tirċievi mid-Dipartiment. Permezz ta' ittra oħra datata s-17 ta' Mejju, 2018, l-intimat informa lir-rikorrenti li għall-istess raġunijiet, hija kienet irċeviet *allowance* tat-tfal żejda fl-ammont ta' €2,306.90 fil-perijodu bejn it-3 ta' Jannar, 2015 u s-6 ta' Jannar, 2018. Ir-rikorrenti appellat minn dawn iż-żewġ deċiżjonijiet tal-intimat permezz ta' żewġ appelli separati quddiem l-Arbitru, li ddeċieda li għandu jisma' l-provi taż-żewġ appelli flimkien, iżda li pproċeda biex jagħti żewġ deċiżjonijiet separati (deċiżjonijiet 154/20 u 155/20).

**Mertu**

3. Ir-rikorrenti appellat minn dawn id-deċiżjonijiet permezz tal-proċeduri odjerni, u wara li spjegat li hija ma taqbilx mad-deċiżjonijiet tal-intimat fil-konfront tagħha, qalet li qatt ma kien hemm xi tip ta' investigazzjoni fil-konfront tagħha, għaliex hija qatt ma ntalbet tagħti spjegazzjoni jew tagħti l-verżjoni tagħha dwar il-fatti kif ġraw. Spjegat li għal xi żmien hija kienet tirrisjedi fl-indirizz 36, Dolphin Court, Triq it-Tamar, il-Qawra, u dan għall-perijodu bejn it-28 ta' Diċembru, 2014 sas-sena 2016. Qalet li bejn Diċembru tal-2016 u Diċembru tas-sena ta' wara, hija marret tgħix fil-fond 270, Indipendenza Flats, Flat 3, Triq it-Turisti, San Pawl il-Baħar, liema proprjetà kienet mikrija lilha u lil uliedha, u f'dan il-perijodu hija għexet f'dan il-fond flimkien ma' wliedha. Ir-rikorrenti spjegat li fl-10 ta' Ottubru, 2017, hija kienet irċeviet telefonata mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali, fejn kienet intalbet informazzjoni dwar ir-residenza tagħha, u kienet ingħatat il-parir li tibdel l-indirizz tagħha għal dak li kienet qiegħda tirrisjedi fih attwalment. Qalet li fil-fatt hija għamlet dan fit-13 ta' Ottubru, 2017. Ir-rikorrenti spjegat li hija bdiet tgħix mas-sieħeb tagħha Wayne Mallia fl-20 ta' Diċembru, 2017 sa Marzu tal-2018, u Wayne Mallia biddel il-karta tal-identità tiegħu sabiex tkun tirrifletti dan. In vista ta' din l-ispjegazzjoni tal-fatti kif ġraw, ir-rikorrenti talbet lill-Arbitru jirrevoka d-deċiżjoni tad-Dipartiment li hija tħallset żejjed is-somma ta' €17,140.20 f'għajnuna soċjali għall-perijodu bejn it-3 ta' Jannar, 2015 sat-22 ta' Diċembru, 2017, kif ukoll l-ammont żejjed ta' €2,306.90 f'*allowance* tat-tfal bejn it-3 ta' Jannar, 2015 u s-6 ta' Jannar, 2018, peress li hija ma kienet tħallset l-ebda ammont żejjed, kif ukoll talbitu jordna lid-Dipartiment intimat jirrevoka

d-deċiżjoni li dan il-ħlas żejjed li sar lilha jitnaqqas bir-rata ta' 30% minn benefiċċji li r-rikorrenti qiegħda tirċievi mid-Dipartiment.

4. L-intimat wieġeb li r-rikorrenti kienet applikat għall-Għajnuna Soċjali fit-23 ta' Lulju, 2014, u permezz ta' din l-applikazzjoni din ibbenefikat mill-Għajnuna Soċjali sat-22 ta' Diċembru, 2017. Żied jgħid li wara li saret investigazzjoni mid-Direttorat għall-Osservanza u Investigazzjonijiet tal-Benefiċċji, irriżulta li r-rikorrenti kienet tħallset żejjed l-ammont ta' €17,140.20 f'Għajnuna Soċjali għall-perijodu bejn it-3 ta' Jannar, 2015, ġimgħa wara li r-rikorrenti ffirmat il-kuntratt għall-kera tal-fond 3B, Dolphin, Triq it-Tamar, San Pawl il-Baħar, sat-22 ta' Diċembru, 2017, għaliex id-Direttur Ġenerali intimat ma kienx sodisfatt li r-rikorrenti kienet qiegħda tifforma familja għal rasha. Mill-atti ma jirriżultax li l-intimat ipproduċa risposta simili fir-rigward tal-appell tar-rikorrenti mid-deċiżjoni tiegħu li jitlobha tirrifondi ħlas ta' *allowance* tat-tfal żejda li sar lilha.

5. Mill-atti jirriżulta li d-Direttur Ġenerali intimat kien talab informazzjoni dwar ir-rikorrenti lis-sid tal-appartament li nkera lilha. Kien is-sid tal-appartament li allega li fil-fond inkwistjoni kien jgħix ċertu Wayne Mallia flimkien mar-rikorrenti. Ġiet ippreżentata wkoll kopja tar-rapport investigattiv li sar mid-Direttorat għall-Osservanza ta' Benefiċċji, minn fejn jirriżulta li d-Direttorat kien irċieva telefonata anonima fejn ġie infurmat li r-rikorrenti kienet qiegħda tifforma familja flimkien ma' ċertu Wayne Mallia. Investigazzjoni li saret mid-Direttorat iddeterminat li r-rikorrenti kienet l-unika persuna adulta rreġistrata bħala residenti permanenti fl-indirizz 3B, Dolphin,

Triq it-Tamar, San Pawl il-Baħar, u li l-intitolamenti għall-benefiċċji li r-rikorrenti kienet tikkwalifika għalihom, kienu għal *household* komposta mill-benefiċjarja nnifisiha u mit-tifla minuri tagħha. Jirriżulta wkoll li f'dan iż-żmien ir-rikorrenti kienet tirċievi *allowance* tat-tfal u għajnuna soċjali sad-9 ta' Frar, 2018. Minn dan ir-rapport jirriżulta wkoll li d-Direttorat ipprova jagħmel spezzjoni mingħajr preavviż fl-indirizz indikat mir-rikorrenti, imma l-indirizz mogħti ma setax jinstab. Sar tentattiv ieħor mingħajr preavviż, li ukoll ma ta l-ebda riżultat għaliex l-indirizz mogħti ma setax jinstab, u għalhekk kienu saru żewġ telefonati fuq in-numri pprovduti mir-rikorrenti, li meta wieġbet spjegat li hija ma kinitx għadha tgħix fl-indirizz fi Triq it-Tamar, iżda kienet marret tgħix f'post fi Triq it-Turisti. Waqt din it-telefonata, ir-rikorrenti spjegat ukoll li hija ma kinitx infurmat lid-Direttorat b'dan it-tibdil fl-indirizz tagħha. Jirriżulta wkoll li fit-23 ta' Ottubru, 2017, ir-rikorrenti kienet marret fl-uffiċċju distrettwali tad-Dipartiment sabiex tinfurmahom li s-sieħeb tagħha kien ser jibda jgħix magħha b'effett mit-28 ta' Ottubru, 2017, u għalhekk hija xtaqet twaqqaf l-Għajnuna Soċjali tagħha. Fit-30 ta' Ottubru, 2018, ir-rikorrenti reġgħet marret l-uffiċċju distrettwali fejn għal darb'oħra imliet applikazzjoni għall-Għajnuna għall-Qgħad *Tapered* minħabba koabitazzjoni. Sadanittant lid-Direttorat irriżultalu li r-rikorrenti u s-sieħeb tagħha kienu ffirmaw dikjarazzjoni fejn qalu li huma bdew jirrisjedu flimkien b'effett mill-20 ta' Diċembru, 2017 u mhux mit-28 ta' Ottubru, 2017. F'dan ir-rapport ġie ddikjarat ukoll li ntalbet informazzjoni ulterjuri mingħand is-sid tal-fond fi Triq it-Tamar, u din ikkonfermat li l-fond inkwistjoni kien inkera bil-fomm lil Wayne Mallia, is-sieħeb tar-rikorrenti, iżda l-kuntratt ta' kera kien ġie iffirmat minn Sandra Stellini, u għalhekk ġie stabbilit li fil-perijodu tal-kirja r-rikorrenti kienet qiegħda tgħix mas-sieħeb tagħha f'dan

il-fond, ċjoé bejn it-28 ta' Diċembru, 2014 sat-28 ta' Diċembru, 2015, u wara din id-data r-rikorrenti ħarġet minn dan l-indirizz mingħajr ma infurmat lid-Dipartiment intimat li kien hemm bidla fl-indirizz tagħha. Kien biss jumejn wara li l-ispettorat kellem lir-rikorrenti dwar il-każ tagħha, fit-13 ta' Ottubru, 2017 li r-rikorrenti marret tinforma lid-Dipartiment b'din il-bidla fl-indirizz. Kien wara li ġie stabbilit dan kollu li d-Direttorat ikkonkluda li f'dan il-każ ma kienx hemm osservanza tad-dispożizzjonijiet tal-Kap. 318, kemm f'dak li għandu x'jaqsam mal-intitolament għall-Għajnuna Soċjali kif ukoll f'dak li għandu x'jaqsam mal-*allowance* tat-tfal.

6. Quddiem l-Arbitru xehdet l-ispettur **Brenda Farrugia**, li kienet ħejjiet ir-rapport tad-Direttorat, li qalet li r-rikorrenti kellha obbligu li tinforma lid-Direttorat b'kull bidla fl-indirizzi jew fin-numri fejn setgħet tiġi kkuntattjata. Ix-xhud spjegat li meta jsiru spezzjonijiet mid-Direttorat, dawn dejjem isiru minn żewġ uffiċjali tad-Direttorat. Ix-xhud spjegat li meta l-ispetturi tad-Direttorat tkellmu mar-rikorrenti fuq it-*telephone,* din ammettiet li ma kinitx għadha toqgħod fl-indirizz ipprovdut minnha lid-Dipartiment, u għalhekk kien hemm dan in-nuqqas min-naħa tagħha. Ix-xhud spjegat li fil-konfront tar-rikorrenti kienet saret l-allegazzjoni li kienet qiegħda tgħix mas-sieħeb tagħha, u għalhekk din ma kinitx għadha tikkwalifika bħala kap ta' familja. Ix-xhud qalet li l-ispetturi tad-dipartiment ma rnexxilhomx jiddeterminaw li bħala stat ta' fatt ir-rikorrenti kienet qiegħda tgħix mas-sieħeb tagħha, imma d-deċiżjoni tad-Direttorat ittieħdet wara li ngħatat l-informazzjoni minn Nadia Cauchi, is-sid tal-appartament mikri lir-rikorrenti. Ix-xhud ikkonfermat ukoll li minkejja li meta saret komunikazzjoni telefonika mar-rikorrenti, din tat l-indirizz il-ġdid

fejn kienet qiegħda tgħix lill-uffiċjali li kellmuha, ma kinitx saret spezzjoni f'dan l-indirizz min-naħa tad-direttorat, għaliex ma jistgħux isiru spezzjonijiet f'indirizzi li mhumiex dawk mogħtija uffiċjalment. **Nadia Cauchi**, is-sid tal-appartament fi Triq it-Tamar li kienet tikri r-rikorrenti, xehdet quddiem l-Arbitru li hija u r-raġel tagħha kienu jafu lil Wayne Mallia, is-sieħeb tar-rikorrenti, għalkemm ikkonfermat ukoll li l-kuntratt ta' kera kien sar mar-rikorrenti. Ix-xhud qalet li l-flus tal-kera kienu jinġabru mingħand ir-rikorrenti, u meta r-raġel tagħha kien imur jiġbor il-kera, Wayne Mallia dejjem kien ikun fl-appartament. Qalet ukoll Mallia kien jagħti l-flus tal-kera lir-raġel tagħha, għalkemm ma setgħetx tikkonferma li Mallia kien jorqod u jqum fl-istess appartament mar-rikorrenti. Ix-xhud qalet ukoll li hi u r-raġel tagħha ma kinux jafu lir-rikorrenti u lil Wayne Mallia qabel krewlhom l-appartament, u kien sensar li laqqa' l-partijiet flimkien sabiex krewlhom dan l-appartament. Ix-xhud qalet li għal xi żmien hija kienet tassumi li r-rikorrenti u Mallia kienu jgħixu flimkien fl-appartament, u hija kellha l-impressjoni li l-appartament kien inkera lil koppja u mhux lil mara li tgħix waħedha. **Philip Cauchi**, sid ukoll tal-appartament fi Triq it-Tamar, xehed li l-appartament inkwistjoni kien inkera permezz ta' sensar, u l-appartament inkera lill-koppja. Qal li huwa kien imur jiġbor il-kera darba fix-xahar, u qabel imur għall-kera huwa kien iċempel lil Wayne Mallia. Ix-xhud qal li kull darba li mar fl-appartament huwa dejjem ra lir-rikorrenti mas-sieħeb tagħha, għalkemm qal li huwa ma jafx b'ċertezza li s-sieħeb tar-rikorrenti kien jgħix f'dan il-fond. Ix-xhud qal li meta nħarġu l-affarijiet mill-fond wara li ntemmet il-kirja, mis-saqqijiet li nħarġu hu fehem li fl-appartament kienu jgħixu tlieta min-nies. Qal li ħaseb li fl-appartament kienu jgħixu tlieta min-nies anki għaliex ir-rikorrenti kienet talbitu sussidju fuq

il-kontijiet tad-dawl għaliex fil-fond kienu qegħdin jgħixu tlieta min-nies. Ix-xhud qal li huwa kien jaf li r-rikorrenti kienet isseparata, u li għandha żewġt itfal, wieħed minnhom ma jgħix magħha.

## <u>Id-Deċiżjoni Appellata</u>

7. Permezz tad-deċiżjoni appellata mogħtija fis-16 ta' Settembru, 2020, l-Arbitru ddeċieda dan l-appell b'dan il-mod:

> *"L-appell huwa fil-konfront tad-deċiżjoni tad-Direttur datat 21 ta' Mejju, 2018 fejn id-Direttur kien iddikjara illi l-appellanti kienet tħallset żejjed bħala għajnuna soċjali l-ammont ta' €17,140.20 għall-perijodu ta' bejn 03.01.15 u 22.12.17.*
>
> *Fl-appell l-appellanti spjegat illi bdiet tirrisjedi fi 36, Dolphin Court, Triq it-Tamar, Qawra mit-28 ta' Diċembru, 2014 sas-sena 2016. Bejn Diċembru 2016 u 20 ta' Diċembru, 2017 marret tirrisjedi fi 270, Indipendenza Flat 3, Triq it-Turisti, San Pawl il-Baħar b'kera u dana waħedha ma' uliedha. Wara telefonata mid-Dipartiment biddlet l-indirizz tagħha għal dak attwali ta' San Pawl il-Baħar.*
>
> *Id-Direttur fir-risposta tiegħu ddikjara li d-deċiżjoni kienet korretta billi ma kienx sodisfatt illi fil-perijodu indikat l-appellanti kienet qed tifforma familja għal rasha.*
>
> ***Fatti***
>
> *Fir-rapport preżentat mill-Ispettur Brenda Farrugia jemerġu dawn:*
>
> *i. L-investigazzjoni bdiet b'eżami tal-*common database *fejn irriżulta li l-appellanti hija effettivament l-unika persuna adulta reġistrata bħala residenti permanenti fi 3B, Dolphin, Triq it-Tamar, San Pawl il-Baħar u l-*household *huwa kompost minnha u bintha ta' 13-il sena. Għalhekk kienet intitolata għal sussidju fuq il-kera u benefiċċji soċjali.*
>
> *ii. Saru żewġ tentattivi ta' żjarat mingħajr avviż fit-28 ta' Awwissu, 2018 u Settembru, 2017. L-indirizz ma ġiex lokalizzat.*
>
> *iii. Wara telefonati fuq numru fiss u fuq mobile sar kuntatt mal-appellanti fejn spjegatilhom li qed tgħix fi Triq it-Turisti, San Pawl il-Baħar u dan għal sena u tliet xhur. Billi ma kinitx avżat lid-Dipartiment b'dan it-tibdil. Effettivament*

*fit-13 ta' Ottubru, 2017 jirriżulta li l-appellanti infurmat lid-Dipartiment bit-tibdil fl-indirizz.*

iv. *Fit-28 ta' Ottubru, 2017 l-appellanti avżat lid-Dipartiment li riedet twaqqaf l-għajnuna soċjali billi kienet qed tgħix mas-sieħeb tagħha.*

v. *Fit-30 ta' Jannar, 2018 l-appellanti għamlet applikazzjoni għall-għajnuna Qgħad Tapered minħabba ko-abitazzjoni.*

vi. *Mill-*file *tal-għajnuna soċjali jidher li l-appellanti ddikjarat li bdiet tgħix mas-sieħeb tagħha John Wayne Mallia b'effett mill-20 ta' Diċembru, 2017 u mhux mit-28 ta' Ottubru, 2017 kif preċedentement dikjarat mill-appellanti.*

vii. *Il-kuntratt ta' kera ta' 3B, Dolphin, Triq it-Tamar, San Pawl il-Baħar juri perijodu ta' sena bejn it-28 ta' Diċembru, 2014 sa 28 ta' Diċembru, 2015. Sid il-kera ġie mniżżel bħala Nadia Cauchi għalkemm in-numru ta' ID ġie kkonfermat li ma jgħajjatx lil Nadia Cauchi.*

viii. *Nadia Cauchi permezz ta' email kienet iddikjarat illi l-fond kien ġie mikri bil-fomm lill-allegat sieħeb tal-appellanti u dana billi Wayne Mallia u r-raġel tagħha, Philip Cauchi, huma ħbieb. Qalet ukoll li kien ħarġilhom minn rashom li l-kuntratt kien iffirmat minn Sandra Stellini li ovvjament kienet qiegħda tgħix ma' Wayne Mallia fil-perijodu tal-kirja.*

*Fl-email mibgħuta minn Nadia Cauchi datat 6 ta' April, 2018 l-istess Nadia Cauchi tiddikjara illi għalkemm il-kirja kienet fuq Sandra Stellini:* Wayne Mallia is my husband's friend and our agreement for residing in the apartment was between my husband and Mr Mallia. We totally forgot that the agreement was signed by Ms Stellini, who obviously was living with him as my husband always spoke to Mr Mallia himself. He resided in the apartment during the said period.

*Xehdu Brenda Farrugia u Frank Camilleri li effettivament ikkonfermaw ir-rapport u kif imxew fuq id-dokumentazzjoni tad-Dipartiment.*

*Hija verità illi effettivament ħadd ma aċċerta ruħhu viżwalment illi l-appellanti kienet qed tgħix mas-sieħeb tagħha fil-perijodu indikat. Infatti r-rapport tad-Dipartiment jikkonċerna tfittxija ta' fatti bbażati fuq id-dokumentazzjoni u email mibgħuta minn Nadia Cauchi.*

*Id-dokumentazzjoni esebita mill-appellanti turi ħlas ta' kirja u ħlas ta' servizzi li huma fuq isimha.*

*Nadia Cauchi xehdet quddiem l-arbitru fis-seduta tat-13 ta' Frar, 2019. Sarulha diversi domandi iżda l-aktar risposta li hija importanti hija din:*

Xhud: Ġie li kont mort miegħu u dejjem lilu semma r-raġel, ħa mmur niġbor il-kera mingħand Wayne.

Avukat Difensur: Semma lilu, ma jfissirx illi kien qed iħallsu Wayne l-appartament li kien mikri.

Xhud: Issa ma nafx il-flus minn fejn jiġu imma dejjem ma' Wayne kellu kuntatt.

*Żiedet ukoll illi l-kirja kienet frott ta' senserija u li hi assumiet li kienet qed tikri lil koppja għalkemm il-kuntratt kien fuq l-appellanti biss.*

*Xehed ukoll Philip Cauchi. L-aktar risposti ta' rilevanza (fost ħafna ma nafx, ma nindaħalx u nassumi) kienu:*

Jien ma' raġel mhux mara ma' mara, ma nafx nitkellem ma' mara.

Kull meta mort dejjem flimkien rajthom hemmhekk issa ma nafx.

Jien għalija kien jgħix hemm imma qatt ma qgħadtlu għassa.

Naf li poġġuta żgur, kienet poġġuta, daqshekk naf, u naf li kellha raġel u telaqha.

Imma jien jekk kienet torqod miegħu fid-dar jew le ma nafx.

***Konsiderazzjonijiet***

*Id-dokumentazzjoni in mertu kollha jpoġġu lill-appellanti tgħix mat-tifla fid-dar in mertu. Jiġifieri d-dokumentazzjoni hija tali illi tista' twassal biss għall-konklużjoni waħda. F'dan il-każ m'għandniex rapport li juri xi spezzjoni b'sorpriża li nstabu koppja jgħixu fil-fond. L-investigazzjoni saret, biex ngħidu hekk, wara l-fatt.*

*Għandna però x-xhieda ta' Nadia u Pierre* (sic) *Cauchi illi jikkonfermaw. Pierre* (sic) *Cauchi b'mod dirett u Nadia Cauchi minn dak li kien jgħidilha Pierre* (sic)*, illi fir-residenza in mertu kien jgħix ukoll Wayne. Huwa ċar ukoll illi l-partijiet ikkonċernati saru jafu lil xulxin biss fil-kirja.*

*Għalkemm Pierre* (sic) *Cauchi xehed biex ngħidu hekk b'mod* evasiv *ħafna, jibqa' l-fatt ewlieni illi kull meta jmur jiġbor il-kera dan kien isir ma' Wayne, u kien isir fil-post in mertu.*

*Hux faċli tasal għal konklużjoni inekwivoka iżda min jiddeċiedi irid jgħarbel l-assjem tal-provi biex jara jekk jistax jasal għal deċiżjoni bbażata fuq il-fatti li għandu quddiemu.*

*Jidher ċar lill-arbitru illi għalkemm il-kirja kienet tgħajjat biss lill-appellanti, effettivament l-imsemmi Wayne Mallia kien qed jgħix magħha fil-perijodu tal-kirja.*

*Hija din biss il-konklużjoni loġika għall-fatt illi kien ikun hemm hu meta huwa stess kien iħallas il-kera.*

*Importanti hawn però t-*timeline*. Il-kuntratt ta' kera kien għall-perijodu bejn 28 ta' Diċembru, 2014 sa 28 ta' Diċembru, 2015.*

*L-avviż tad-Direttur huwa fir-rigward tal-perijodu ta' bejn 03.01.15 u 22.12.17. Il-provi juru illi dak li huwa ċert huwa li l-appellanti u s-sieħeb tagħha kienu qed jgħixu flimkien żgur għall-perijodu tal-kirja. Wara, nistgħu nassumu, però min jiddeċiedi ma jistax jassumi. Ma jirriżultax suffiċjentement ippruvat ħlas żejjed wara t-28 ta' Diċembru, 2015.*

*Għaldaqstant l-appell huwa milqugħ limitatament. Għalhekk id-deċiżjoni tad-Direttur għandha tinbidel sabiex tirrifletti ħlas żejjed biss bejn it-3 ta' Jannar, 2015 sat-28 ta' Diċembru, 2015.*

## L-Appell

8. Ir-rikorrenti ppreżentat l-appell tagħha minn din id-deċiżjoni fis-27 ta' Ottubru, 2020, fejn talbet lil din il-Qorti sabiex,

> *"... iżżomm invarjata dik il-parti fejn l-Arbitru laqa' t-talba li l-appellanti ma tħallsitx żejjed għall-perijodu bejn it-29 ta' Diċembru, 2015 sal-perijodu tat-22 ta' Diċembru, 2017 f'għajnuna soċjali u mid-29 ta' Diċembru, 2015 sas-6 ta' Jannar, 2018* f'allowance *tat-tfal u tirrevoka, tħassar u tannulla s-sentenza mogħtija mill-Arbitru datata 23 ta' Settembru, 2020 deċiżjoni numru 154/20 u 155/20 fejn sabet li l-appellanta tħallset żejjed għall-perijodu bejn it-3 ta' Jannar, 2015 sat-28 ta' Diċembru, 2015, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-istess Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali."*

L-appellanta tgħid li hija ħasset ruħha aggravata bid-deċiżjoni tal-Arbitru għaliex fil-fehma tagħha dan wasal għad-deċiżjoni tiegħu mingħajr ma effettivament aċċerta ruħu dwar dak allegat mid-Direttur Ġenerali appellat. L-appellanta qalet li f'dan il-każ id-Direttur Ġenerali appellat qagħad biss fuq dak

li kienu rrappurtawlu s-sidien tal-fond 3B, Dolphin, Triq it-Tamar, San Pawl il-Baħar, li lanqas biss kienu jgħixu fl-inħawi.

9. L-appellanta Sandra Stellini spjegat li l-kirja tal-appartament kienet tgħajjat lilha, u meta kienet titħallas il-kirja ta' kull xahar, din kienet tgħaddi minn idejn Wayne Mallia, is-sieħeb tagħha, lil Philip Cauchi, sid l-appartament. Qalet li kien għalhekk biss li s-sidien tal-appartament bħal għamluha fatta li Wayne Mallia kien jgħix magħha, u kien biss fuq din il-bażi li d-Direttur Ġenerali appellat iddeċieda li l-appellanta m'għandhiex tirċievi benefiċċji soċjali, u għalhekk talab lill-appellanta tħallas lura l-għajnuna soċjali li kienet irċeviet fil-perijodu bejn it-3 ta' Jannar, 2015 sat-22 ta' Diċembru, 2017 f'għajnuna soċjali u f'*allowance* tat-tfal li hija kienet irċeviet bejn it-3 ta' Jannar, 2015 u s-6 ta' Jannar, 2018. L-appellanta għamlet riferiment għall-fatt li mart Philip Cauchi, Nadia Cauchi, kienet bagħtet *email* lid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali fis-6 ta' April, 2018, fejn ikkonfermat li l-kuntratt ta' kera kien ġie ffirmat mal-appellanta Sandra Stellini. L-appellanta qalet li għalhekk jirriżulta li l-Arbitru straħ biss fuq ix-xhieda mogħtija mis-sidien tal-fond biex wasal għall-konklużjonijiet tiegħu. L-appellanta għamlet riferiment għall-parti tad-deċiżjoni tal-Arbitru fejn intqal li ma kienx faċli li jasal għal deċiżjoni inekwivoka, u li huwa kien wasal għal deċiżjoni wara li għarbel il-fatti kollha li kellu quddiemu. L-appellanta qalet li fil-fatt mill-provi rriżulta li Wayne Mallia kien jgħix magħha fil-perijodu bejn it-28 ta' Diċembru, 2014 sat-28 ta' Diċembru, 2015 imma mhux ukoll fil-perijodu li segwa. Qalet li fil-fatt l-Arbitru ddeċieda li jirriżulta li sar ħlas żejjed fil-perijodu bejn it-3 ta' Jannar, 2015 sat-28 ta' Diċembru, 2015 fir-rigward tal-għajnuna soċjali, u bejn it-3 ta' Jannar,

2015 sat-28 ta' Diċembru, 2015 fir-rigward tal-*allowance* tat-tfal. L-appellanta qalet li hija xorta waħda ma taqbilx mad-deċiżjoni tal-Arbitru u qalet li l-Arbitru wasal għal din id-deċiżjoni mingħajr ma għamel investigazzjoni dwar il-fatti. Qalet li l-Arbitru fil-konklużjoni tiegħu ħass li kellu jagħmel tiegħu x-xhieda mogħtija minn Nadia u Philip Cauchi, is-sidien tal-appartament. L-appellanta għamlet riferiment għax-xhieda ta' Philip Cauchi, li qal li huwa ma jitkellimx ma' mara, imma raġel ma' raġel, u qalet li l-fatt li l-kera kienet tinġabar mingħand Wayne Mallia, ma jfissirx li dan kien jgħix magħha fl-istess appartament. L-appellanta qalet li fl-ebda ħin ma ġie kkonfermat li saret xi spezzjoni jew investigazzjoni mid-Dipartiment appellat għajr għal dak li xehdu l-konjuġi Cauchi.

**<u>Ir-Risposta tal-Appell</u>**

10. Fir-risposta tiegħu l-appellat qal li minkejja li d-deċiżjoni appellata ngħatat fis-16 ta' Settembru, 2020, l-appell tal-appellanta ġie intavolat fis-27 ta' Ottubru, 2020, u għalhekk talab lill-appellanta ġġib prova li r-rikors tal-appell tagħha ġie intavolat entro t-terminu ta' tletin ġurnata mid-deċiżjoni tal-Arbitru. L-appellat kompla jgħid li l-appell tal-appellanta huwa infondat fil-fatt u fid-dritt, u jirriżulta ċar li f'dan il-każ l-Arbitru wasal għad-deċiżjoni tiegħu wara li kkonsidra l-provi li kellu quddiemu skont ir-rekwiżiti tal-ġustizzja u l-ekwità. L-appellat spjega li fis-17 ta' Mejju, 2018, huwa kien informa lill-appellanta li kienet saret investigazzjoni fil-konfront tagħha, fejn ġie stabbilit li b'effett mit-28 ta' Diċembru, 2014 hija ma kinitx qiegħda tifforma familja għal rasha. Kien għalhekk li l-appellanta ġiet infurmata li fil-perijodu bejn it-3 ta'

Jannar, 2015 u s-6 ta' April, 2018, hija kienet tħallset żejjed l-ammont ta' €2,306.90 *f'allowance* tat-tfal, u għalhekk dan l-ammont kien ser jitnaqqas bir-rata ta' 30% mill-*allowance* tat-tfal u/jew xi benefiċċji oħra li hija setgħet tirċievi mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali. L-appellat qal ukoll li l-appellanta ġiet infurmata, b'deċiżjoni oħra tiegħu tal-21 ta' Mejju, 2018, li bejn it-3 ta' Jannar, 2015 u t-22 ta' Diċembru, 2017 hija kienet tħallset żejjed l-ammont ta' €17,140.20 f'Għajnuna Soċjali, u għalhekk dan l-ammont kien ser jitnaqqas bir-rata ta' 30% mill-Għajnuna Soċjali u/jew xi benefiċċji oħra li hija setgħet tirċievi mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali. Id-Direttur Ġenerali appellat spjega li kienet ittieħdet din id-deċiżjoni għaliex huwa kien konvint li f'dak iż-żmien l-appellanta ma kinitx qiegħda tifforma familja għal rasha. L-appellat qal li l-appellanta appellat minn dawn id-deċiżjonijiet permezz ta' żewġ appelli separati quddiem l-Arbitru, fejn sostniet li hija fl-ebda stadju ma kienet ġiet mitkellma jew investigata. L-appellat żied jgħid li l-appellanta kienet qalet li kull darba li hija ntalbet tagħti spjegazzjoni bil-miktub, hija dejjem għamlet dan, u qalet ukoll li kien biss bejn l-20 ta' Diċembru, 2017 u Marzu tal-2018 li hija kienet tgħix ma' Wayne Mallia. L-appellat kompla jgħid li l-Arbitru ddeċieda li għandu jisma' dawn iż-żewġ appelli flimkien, għalkemm sussegwentement ta żewġ deċiżjonijiet identiċi – dik bin-numru 154/20 dwar il-ħlas żejjed f'Għajnuna Soċjali u dik bin-numru 155/20 dwar il-ħlas żejjed f'*Allowance* tat-Tfal li rċeviet l-appellanta. L-appellat kompla jgħid li minkejja li l-Arbitru sema' ż-żewġ appelli flimkien, jirriżulta wkoll li l-appelli ġew deċiżi permezz ta' żewġ deċiżjonijiet separati. L-appellat qal li minkejja li dawn iż-żewġ deċiżjonijiet huma identiċi, u ngħataw b'mod separat, għal xi raġuni l-appellanta għażlet li tagħmel appell wieħed biss minn dawn iż-żewġ

deċiżjonijiet. L-appellat qal li fiċ-ċirkostanzi dan huwa proċeduralment insostenibbli, u l-appell kif propost huwa irritwali u null għaliex mhuwiex konsentit lill-appellanta li din tiddeċiedi li tintavola rikors wieħed sabiex timpunja żewġ deċiżjonijiet separati tal-Arbitru. L-appellat żied jgħid li l-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta jipprospetta li jsir appell wieħed minn sentenzi separati fuq kwistjonijiet diversi, iżda biex dan iseħħ l-istess sentenzi jridu jiġu deċiżi fl-istess kawża. L-appellat qal ukoll li l-istess Kap. 12 ma jipprospettax il-possibilità li jsir appell wieħed minn sentenzi deċiżi f'żewġ kawżi separati. L-appellat żied jgħid li anki fil-każ ipprospettat fl-artikolu 793 tal-Kap. 12, fejn tiġi ordnata l-konnessjoni ta' kawża ma' oħra, u b'hekk il-kawżi jkunu jistgħu jinstemgħu flimkien, f'kull kawża però trid tingħata sentenza separata. L-appellat qal li huwa ovvju li f'każijiet bħal dawn, ma jistax isir rikors tal-appell wieħed minn żewġ sentenzi separati, imma jridu jsiru żewġ appelli separati u distinti, minkejja li l-appelli jkunu jistgħu jinstemgħu flimkien quddiem il-qorti fi grad ta' appell. L-appellat qal li għalhekk l-appellanta ma kinitx proċeduralment korretta meta għażlet li tintavola appell wieħed miż-żewġ deċiżjonijiet tal-Arbitru. Żied jgħid li f'dan il-każ lanqas huwa legalment possibbli li din il-Qorti tittenta ssalva jew tissana r-rikors tal-appell tal-appellanta, u għalhekk l-unika ħaġa li għandha tagħmel din il-Qorti f'dawn iċ-ċirkostanzi huwa li tiddikjara n-nullità tal-appell.

11. L-appellat jgħid ukoll li f'dan il-każ l-appellanta donnha qiegħda tgħid li l-Arbitru għamel apprezzament żbaljat tal-provi, u għalhekk ma kellux jasal għall-konklużjoni li bejn it-3 ta' Jannar 2015 u t-28 ta' Diċembru, 2015, l-appellanta kienet qiegħda tgħix taħt l-istess saqaf ma' Wayne Mallia. L-

appellat qal li din il-Qorti m'għandhiex il-kompetenza li tagħmel apprezzament mill-ġdid tal-provi, partikolarment għaliex l-appellanta naqset milli tipprovdi raġuni valida għaliex din il-Qorti għandha tagħmel rivalutazzjoni mill-ġdid tal-provi. L-appellat żied jgħid li min-naħa tiegħu huwa ressaq kull prova sabiex juri li l-appellanta ma kinitx qiegħda tgħix bħala familja għal rasha, u dan permezz tar-rapport investigattiv tal-ispetturi tad-Direttorat għall-Osservanza tal-Benefiċċji. L-appellat qal li mill-provi jirriżulta li l-appellanta kienet daħlet f'kuntratt ta' kera ma' Nadia Cauchi għall-kiri tal-fond 3B, Dolphin Court, Triq it-Tamar, San Pawl il-Baħar, għal perijodu ta' sena bejn it-28 ta' Diċembru, 2014 sat-28 ta' Diċembru, 2015. Żied jgħid li tul il-perijodu tal-kirja, l-irċevuti dejjem ħarġu fuq isem Sandra Stellini, iżda huwa ovvju, minn dak li xehdu s-sidien tal-appartament inkwistjoni, li fir-rigward ta' din il-kirja, il-kuntatt mis-sidien dejjem sar mas-sieħeb tal-appellanta u mhux magħha. L-appellat qal li minkejja li l-kuntratt ta' kera ġie ffirmat mal-appellanta, għas-sidien tal-fond kien ċar li l-fond kien qiegħed jinkera lill-appellanta u lis-sieħeb tagħha Wayne Mallia. L-appellat qal li mix-xhieda ta' Philip Cauchi jirriżulta wkoll li minkejja li l-irċevuti tal-kera dejjem ħarġu fuq isem l-appellanta, fil-fatt kien ikun Wayne Mallia li jħallas il-kera lil Cauchi. Żied jgħid li mill-provi rriżulta li l-ħlas kien isir fil-fond, u Philip Cauchi kkonferma li huwa dejjem sab lil Wayne Mallia kull darba li mar jiġbor il-kera. Dan ix-xhud qal ukoll li kienet l-appellanta stess li infurmatu li fl-appartament kienu jgħixu tlieta min-nies. L-appellat qal li mir-rapport tal-ispetturi tad-Direttorat għall-Osservanza tal-Benefiċċji, jirriżulta li l-intitolament tal-appellanta għall-benefiċċji huwa bbażat fuq *household* komposta mill-appellanta u minn bintha, u għalhekk meta l-appellanta stqarret ma' Philip Cauchi li fid-dar tagħha kienu jgħixu tlieta min-nies, bilfors li din

kienet qiegħda tirreferi għall-fatt li s-sieħeb tagħha kien jgħix magħha. L-appellat qal li għandu jirriżulta wkoll li l-appellanta naqset milli tixhed quddiem l-Arbitru, u għalhekk din baqgħet ma spjegatx x'kienet ir-raġuni għalfejn lil Philip Cauchi kienet qaltlu li fid-dar mikrija lilha kienu jgħixu tlieta min-nies. L-appellat qal li ladarba l-appellanta naqset milli tiskarika l-obbligu impost fuqha, huwa kellu dritt li *ai termini* tal-liġi jitlob rifużjoni tal-ħlas żejjed ta' *allowance* tat-tfal u ta' għajnuna soċjali li saru lill-appellanta. L-appellat qal li *ai termini* tal-artikolu 30(6) tal-Kap. 318, biex persuna tkun tista' tibbenefika mill-Għajnuna Soċjali, din trid tkun kap ta' familja, u kull applikant huwa obbligat skont l-artikolu 97(1)(b) tal-Kap. 318 li jinforma lid-Dipartiment b'kull tibdil fiċ-ċirkostanzi f'ħajtu. L-appellat qal li kull tibdil fiċ-ċirkostanzi tal-benefiċjarju jista' joħloq dubju li jipperikola l-intitolament tal-persuna għall-benefiċċji li tkun qiegħda tirċievi. Żied jgħid li f'dan il-każ l-appellanta kellha l-obbligu li tinfurmah li bejn it-3 ta' Jannar, 2015 u t-28 ta' Diċembru, 2015 hija kienet qiegħda tgħix taħt l-istess saqaf ma' Wayne Mallia, u għalhekk kienet qiegħda tifforma familja miegħu. Meta naqset li tagħmel dan, l-appellanta kisret l-obbligu ta' fiduċja li kien hemm bejnha u d-Dipartiment.

12. L-appellat spjega li din il-Qorti dejjem għallmet li hemm numru ta' prinċipji fundamentali li jirregolaw f'liema ċirkostanzi persuna għandha titqies li hija kap ta' familja, u l-Qorti dejjem qieset li mhux f'kull sitwazzjoni fejn jinstab li hemm tnejn min-nies jew aktar jgħixu taħt l-istess saqaf, hemm il-preżunzjoni li dawn jiffurmaw familja. L-appellat spjega li jista' jkun hemm ċirkostanzi fejn taħt l-istess saqaf jgħixu aktar minn familja waħda, minħabba ċ-ċirkostanzi varji tal-ħajja. Żied jgħid li kollox jiddependi mill-fattispeċi

singolari u partikolari ta' kull każ li jkun qiegħed jiġi mistħarreġ, u l-kwistjoni in eżami tiddependi mill-valutazzjoni u mill-kredibbilità li tingħata lill-provi sottomessi. L-appellat qal li l-eżami tal-fattispeċi tal-każ inkwistjoni għandha tkun rimessa għal-liberu konvinċiment ta' min ikun imsejjaħ biex jieħu deċiżjoni. Minn qari tal-artikolu 2 tal-Kap. 318 wieħed jista' jasal għall-konklużjoni li l-leġiżlatur investa fid-Direttur Ġenerali appellat il-poter diskrezzjonali li jiddetermina min għandu jitqies li huwa "kap ta' familja". L-appellat kompla jispjega li dan m'għandux jittieħed li jfisser li l-appellat għandu diskrezzjoni assoluta biex jiddeċiedi dwar dan, u għal kull deċiżjoni li tittieħed mid-Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali, il-persuni affettwati mid-deċiżjoni huma tenuti joffru spjegazzjoni plawsibbli tal-qagħda konsegwita mill-ispezzjoni li tkun saret, u dan għas-sodisfazzjon tad-Direttur Ġenerali appellat jew tal-Arbitru.

13. L-appellat żied jgħid li f'dan il-każ huwa wasal għall-konklużjoni li kellu jitlob rifużjoni tal-benefiċċji li tħallsu lill-appellanta wara li kkonsidra r-rapport imħejji mill-ispetturi tad-Direttorat għall-Osservanza tal-Benefiċċji, kif ukoll il-korrispondenza elettronika li għaddiet bejn id-Dipartiment u s-sidien tal-appartament li kien inkera lill-appellanta. L-appellat żied jgħid li l-appellanta ma setgħetx titqies li hija kap tal-familja tagħha għaliex il-ħlas tal-kera kien isir mis-sieħeb tagħha u mhux minnha. Żied jgħid li fir-rigward tal-*allowance* tat-tfal, din titħallas lil kull persuna li għandha t-tfal, iżda l-ammont li jitħallas jiddependi fuq id-dħul tal-ġenitur. Spjega li fil-każ tal-appellanta, huwa preżunt li peress li hija tirċievi l-għajnuna soċjali, din m'għandhiex dħul ieħor għajr l-għajnuna soċjali, u għalhekk ir-rata ta' *allowance* tat-tfal li titħallas lilha hija

ogħla minn ta' ġenituri li għandhom ċertu dħul. Kompla jgħid li hija din id-differenza fir-rata li l-appellanta qiegħda tintalab tirrifondi, għaliex peress li hija ma infurmatx lid-Dipartiment bil-bidla fiċ-ċirkostanzi f'ħajjitha, id-Dipartiment ma kienx jaf din xi dħul kienet qiegħda tirċievi, jew ma' min kienet qiegħda tgħix. Qal li in vista ta' dan kollu, għandu jirriżulta li d-deċiżjoni tal-Arbitru hija waħda korretta, u li l-aggravju tal-appellanta għandu jiġi miċħud.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

14. Fl-ewwel lok, il-Qorti sejra tibda biex tikkonsidra l-eċċezzjoni preliminari sollevata mill-appellat dwar jekk dan l-appell ġiex ippreżentat entro t-terminu ta' tletin ġurnata stabbiliti mil-liġi jew le. Mill-provi ma tirriżultax id-data meta l-appellanta ġiet infurmata bid-deċiżjoni tal-Arbitru, u minkejja li quddiem din il-Qorti tressqet rappreżentanta tal-Maltapost sabiex tiddeponi dwar dan, mix-xhieda mogħtija minn Carmen Scerri Lautier jirriżulta li sabiex il-Maltapost tista' tiddetermina d-data meta l-appellanta ġiet notifikata bid-deċiżjoni tal-Arbitru, l-ittra kellha tkun *b'barcode* sabiex tkun tista' tiġi ttraċċjata. F'dan il-każ ma ġarax hekk, u l-unika prova oħra dwar meta l-appellanta ġiet notifikata bid-deċiżjoni tal-Arbitru hija kopja tal-*iscreenshots* b'messaġġi telefoniċi li għaddew bejn l-appellanta u l-avukat tagħha, li l-appellanta tgħid li ntbagħtu dakinhar li hija ġiet infurmata bid-deċiżjoni tal-Arbitru. Fil-fatt jirriżulta li dawn il-messaġġi ntbagħtu fit-30 ta' Settembru, 2020, u l-appell odjern ġie intavolat fis-27 ta' Ottubru, 2020. Il-Qorti għalhekk sejra' tiċħad l-eċċezzjoni preliminari tal-appellat li dan l-appell ma ġiex intavolat fil-ħin.

15. Imma qabel tgħaddi biex tistħarreġ l-appell fil-mertu, din il-Qorti sejra tinvestiga wkoll is-sottomissjoni tal-appellat fejn qal li dan l-appell huwa null għaliex l-Arbitru ta żewġ deċiżjonijiet separati, imma l-appellanta intavolat appell wieħed minn dawn iż-żewġ deċiżjonijiet. Jirriżulta fil-fatt li l-appellanta kienet ressqet żewġ appelli għall-konsiderazzjoni tal-Arbitru, wara li hija ġiet notifikata bid-deċiżjonijiet tal-appellat fil-konfront tagħha permezz ta' żewġ ittri separati. Minkejja li l-Arbitru sema' l-provi fir-rigward ta' dawn iż-żewġ appelli flimkien, huwa ta żewġ deċiżjonijiet separati. Il-Qorti hawnhekk sejra tagħmel riferiment għad-deċijoni tal-Qorti tal-Appell (Superjuri) fl-ismijiet **Emanuel Degiorgio għal Bad Boy Limited *vs.* L-Awtorità tal-Ippjanar**[1], fejn il-Qorti ġiet rinfaċċjata b'sitwazzjoni simili, u minn żewġ deċiżjonijiet tal-Awtorità tal-Ippjanar tressaq appell wieħed mill-appellant. F'din is-sentenza il-Qorti qalet li dan mhuwiex possibbli li jsir, wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "Il-Kodiċi tal-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jipprospetta l-każ ta' appell wieħed li jsir f'każi ta' sentenzi separati fuq kwistjonijiet diversi però, biex isir dan, l-istess sentenzi jkunu jridu jiġu deċiżi fl-<u>istess kawża</u> – ara art. 231 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta. L-istess Kodiċi però, ma jipprospettax il-possibilità li jsir appell wieħed minn sentenzi deċiżi f'żewġ proċessi separati. Jista' jiġi rilevat hawn li anke fil-każ prospettat fl-artikolu 793 tal-Kap. 12 ċioe dak ta' konnessjoni ta' kawża ma' oħra, f'liema każ il-Qorti tista' tordna li l-kawżi jiġu mismugħa flimkien, is-subartikolu (3) tal-artikolu 793 jiddisponi li sew fil-Qorti tal-ewwel grad kemm fil-Qorti fi grad ta' appell, għandha tingħata f'kull kawża <u>sentenza separata</u>. Huwa ovvju li fil-każ ta' sentenzi bħal dawn, mogħtija mill-Qorti tal-ewwel grad, ma jistax isir appell minnhom b'rikors ta' appell wieħed, iżda jridu jsiru appelli separati u distinti, nonostante li l-istess kawżi jkunu jistgħu ikomplu jinstemgħu flimkien quddiem Qorti fi grad ta' appell. Għalhekk, fil-każ odjern l-appellant ma kienx proċeduralment

[1] 25.05.2001.

korrett meta għażel li jintavola appell wieħed miż-żewġ deċiżjonijiet in kwistjoni tal-Bord."

16. Il-Qorti żiedet tgħid li hija riedet tara jekk setgħetx issalva l-atti, wara li għamlet riferiment għall-artikolu 175 tal-kap. 12, li jagħti s-setgħa lill-Qorti tikkoreġi ċerti żbalji fl-atti ġudizzjarji. Iżda l-Qorti kkonsidrat li f'dak il-każ, bħalma huwa l-każ odjern, l-appellant qatt ma talab li jagħmel korrezzjoni għar-rikors promutur tiegħu, kif ukoll ikkonsidrat li l-iżball proċedurali inkwistjoni kien wieħed komprensiv u inerenti u għalhekk ma jistax jiġi ssanat.

17. Din il-Qorti tqis in vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet kollha, partikolarment il-fatt li l-iżball huwa tali li ma jistax jiġi ssanat, ma jifdal l-ebda triq oħra għajr li tiddikjara n-nullità tal-appell.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti tiddikjara l-appell irritu u null u tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tiegħu, bl-ispejjeż tal-proċeduri arbitrali jibqgħu kif deċiżi, u bl-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri kontra l-appellanta.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**